MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 98/2011

**Cettina Camilleri**

**-vs-**

**Dottor Nadine Delicata**

**Christian Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi nhar is-sebgha (7) ta' Gunju 2011 miet zewgha Joseph Camilleri u dan hekk kif jidher mill-kopja tac-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi mir-ricerki testamentarji tat-testmenti sigrieti u pubblici li kopja taghhom qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B u Dok C rispettivament, jirrizulta li d-decuis irregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz ta' testment datat 20 ta' April 2011 u li kopja tieghu qeghdha tigi annessa u mmarkata bhala Dok D;

Illi *inter alia*, permezz tat-testment tieghu Joseph Camilleri ordna li t-tutela, il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri tal-koppja Camilleri, senjatament l-ahwa Rudolph u Sylvana tkun fdata konguntivament f'idejn l-esponenti u oht it-testatur Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huh Christian Camilleri f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar minn uliedu jkun ghalaq l-eta' maggorenni skond il-ligi f'Malta (Artiklu 9 tat-testment).

Illi l-istess *decuius* ordna wkoll illi f'kaz li t-testatur imut qabel ma l-ulied jaghlqu l-eta' maggorenni, l-amministrazzjoni tal-beni ta' uliedu u tal-beni kollha li t-testatur halla lil uliedu permezz tal-istess testment, tghaddi f'idejn ohtu Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huh Christian Camilleri f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar minn uliedu jkunu ghalqu l-eta maggorenni skond il-ligi f'Malta (Artikolu 10 tat-testment);

Illi l-artikoli disgha (9) u ghaxra (10) tat-testment ta' Joseph Camilleri ma humiex validi u dana peress li jmorru kontra dak li tiddisponi l-ligi *inter*

*alia* permezz ta' artikolu mija u sitta u erbghin (146) tal-Kodici Civili ta' Malta;

Illi ghaldaqstant hemm lok li dawn iz-zewg disposizzjonijiet testamentarji jigu dikjarati bhala nulli u bla effett in kwantu t-tutela, kura u kustodja taz-zewg ulied minuri tal-koppja Camilleri, senjatament l-ahwa Rudolph u Sylvana giet fdata konguntivament f'idejn l-esponenti u l-konvenuta Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huha Christian Camilleri f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar wiehed minn uliedu jkunu ghalqu l-eta' maggorenni u b'hekk il-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Rudolph u Sylvana ahwa Camilleri kif ukoll l-amministrazzjoni tal-beni li gew mghoddija lilhom permezz tat-testment ta' missierhom tghaddi unikament f'idejn l-esponenti;

Illi l-esponenti iskriviet ipoteka legali specjali bin-numru IL 9/2011 favur l-istess minuri, hekk kif jidher mill-kopja annessa u mmarkata bhala Dok E, kif ukoll ghamlet id-dikjarazzjoni causa mortis ta' zewgha f'isimha u f'isem l-istess uliedha u dan hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok F;

Ir-rikorrent talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-artikolu disgha (9) tat-testment ta' Joseph Camilleri tal-20 ta' April 2011 ippubblikat minn Nutar Dottor Maria Vella Magro, ma huwiex konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu mija u sitta u erbghin (146) tal-Kodici Civili u ghaldaqstant l-istess artikolu in kwantu t-tutela u l-kura u l-kustodja ta' wlied id-*decuius* gew imhollija konguntivament f'idejn l-attrici u l-konvenuta Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' Christian Camilleri f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar minn uliedu jaghlaq l-eta' maggorenni skond il-ligi hawn Malta huwa validu biss in kwantu l-kura u l-kustodja tal-ulied

giet fdata f'idejn l-attrici u nulla u bla effett in kwantu giet nominata Nadine Delicata, bis-sostituzzjoni ta' huwha Christian Camilleri;

2. Konsegwentement tiddikjara wkoll ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-artikolu ghaxra (10) tal-istess testament li jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-beni tad-*decuius* lil Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huwha Christian Camilleri hija wkoll nulla u bla effett;

3. Tikkonferma li l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri ghandha tkun esklussivament f'idejn Cettina Camilleri, kif l-istess kura u kustodja hija munita bl-ipoteka legali specjali;

4. Tafda l-amministrazzjoni tal-beni tal-istess uliedha u tal-beni kollha ta' Joseph Camilleri f'idejn is-superstititi martu u taghti lilha s-soliti poteri skond il-ligi sabiex twettaq tali amministrazzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Dr Nadine Delicata li permezz taghha eccepiet:

1. L-ewwel talba ghandha tigi michuda in kwantu bbazata fuq l-artikolu 146 tal-Kodici Civili ghaliex dak l-artikolu jitkellem dwar is-setgha tal-genitur u cioe' 'parental authority' (dak li qabel kienet tissejjah il-*patria potestas)* u mhix il-kura u l-kustodja. Huwa ovvju li f'mohh l-attrici mhix cara d-distinzjoni bejn il-kura u l-kustodja da parti 'l-wahda, u l-'patria potestas', mill-parti l-ohra. Iz-zewg koncetti mhumiex l-istess u l-Qorti ma tistax tittrattahom l-istess qishom kienu l-istess haga.

2. Din il-Qorti kif kostitwita hija nkompetenti li titratta l-ewwel talba. Din lanqas tista' tigi milqugha ghaliex filwaqt li l-artikolu 146 tal-Kodici Civili jitkellem dwar 'parental authority' it-testment jitkellem dwar kura u kustodja u ghalhekk ma tistax tintalab l-impunjazzjoni tal-artikolu testamentarju li jitkellem dwar il-kura u l-kustodja a bazi

ta' dak li tipprovdi l-ligi dwar il-'parental authority'. Infatti bit-testment 'de quo' mhijiex qeghdha tigi ntakkata l-'parental authority'. Il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tissemma' fl-artikolu 56 tal-Kodici Civili u d-disposizzjonijiet ohra li jirrigwardaw il-Firda Personali. Ghalhekk ukoll in kwantu din l-istanza hija ntiza biex tirregola l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri ta' wlied il-mejjet Joseph Camilleri, din il-Qorti kif kostitwita tinsab inkompetenti milli tittratta din il-kwistjoni. Il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Familja.

3. Ghall-istess raguni ghalhekk din il-Qorti tinsab inkompetenti sabiex tittratta u tippronunzja ruhha ghar-rigward tat-tielet talba li hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

4. It-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda ghaliex l-artikolu 136 tal-Kodici Civili jipprovdi fis-subinciz wiehed (1) illi "il-genituri flimkien jamministraw il-proprjeta' ta' uliedhom, imwielda jew le, hlief dik il-proprjeta' li tigi ghand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wiehed mill-genituri jew minn terzi". Il-laxxitu fl-artikolu 10 tat-testment 'de quo' jirrentra fl-ambitu ta' din id-disposizzjoni.

5. Ir-raba' talba ghandha ghalhekk tigi michuda ghaliex hija konsegwenzjali ghat-tieni talba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Christian Camilleri :

1. Preliminarjament il-'priviliegium fori' peress li l-konvenut eccipjenti flimkien mal-eccipjenti l-ohra Dr Nadine Delicata huma persuni li jirrisjedu Malta.

2. L-ewwel talba ghandha tigi michuda in kwantu bbazata fuq l-artikolu 146 tal-Kodici Civili ghalix dak l-artikolu jitkellem dwar is-setgha tal-genitur u cioe' 'parental authority' (dak li qabel kienet tissejjah il-*patria potestas)* u mhix il-kura u l-kustodja. Huwa ovvju li f'mohh l-attrici mhix cara d-distinzjoni bejn il-kura u l-kustodja da parti 'l-wahda, u l-'patria potestas', mill-parti l-ohra. Iz-zewg koncetti mhumiex l-istess u l-Qorti ma tistax tittrattahom l-istess qishom kienu l-istess haga.

3. Din il-Qorti kif kostitwita hija nkompetenti li titratta l-ewwel talba. Din lanqas tista' tigi milqugha ghaliex filwaqt li l-artikolu 146 tal-Kodici Civili jitkellem dwar 'parental authority' it-testment jitkellem dwar kura u kustodja u ghalhekk ma tistax tintalab l-impunjazzjoni tal-artikolu testamentarju li jitkellem dwar il-kura u l-kustodja a bazi ta' dak li tipprovdi l-ligi dwar il-'parental authority'. Infatti bit-testment 'de quo' mhijiex qeghdha tigi ntakkata l-'parental authority'. Il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tissemma' fl-artikolu 56 tal-Kodici Civili u d-disposizzjonijiet ohra li jirrigwardaw il-Firda Personali. Ghalhekk ukoll in kwantu din l-istanza hija ntiza biex tirregola l-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri ta' wlied il-mejjet Joseph Camilleri, din il-Qorti kif kostitwita tinsab inkompetenti milli tittratta din il-kwistjoni. Il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Familja.

4. Ghall-istess raguni ghalhekk din il-Qorti tinsab inkompetenti sabiex tittratta u tippronunzja ruhha ghar-rigward tat-tielet talba li hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba.

5. It-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda ghaliex l-artikolu 136 tal-Kodici Civili jipprovdi fis-subinciz wiehed (1) illi "il-genituri flimkien jamministraw il-proprjeta' ta' uliedhom, imwielda jew le, hlief dik il-proprjeta' li tigi ghand l-ulied bil-kondizzjoni li tkun amministrata biss minn wiehed mill-genituri jew minn terzi". Il-laxxitu fl-artikolu 10 tat-testment 'de quo' jirrentra fl-ambitu ta' din id-disposizzjoni.

6. Ir-raba' talba ghandha ghalhekk tigi michuda ghaliex hija konsegwenzjali ghat-tieni talba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

**Kunsiderazzjonijiet**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghdha titlob dikjarazzjoni li zewg disposizzjonijiet testamentarji fit-testment ta' zewgha Joseph Camilleri tal-20 ta' April 2011 mhumiex konformi mal-artikolu 146 tal-Kodici Civili u kwindi huma nulli u bla effett.

Illi l-konvenuti ressqu diversi eccezzjonijiet. Permezz tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2012 din il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-privilegium fori tal-konvenut Christian Camilleri. Imbaghad permezz tas-sentenza tat-18 ta' Jannar 2013 il-Qorti cahdet l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-konvenuta Dr Delicata kif ukoll it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni ta' Christian Camilleri. Il-konvenuti nterponew appell minn din it-tieni sentenza liema appell gie differit sine die fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2013 u sussegwentement waqa' dezert.

Fadal ghalhekk x'jigi trattat il-mertu tal-kawza odjerna.

Bhala fatti li wasslu ghall-kawza odjerna huma s-segwenti:

- L-attrici kienet mizzewga lil Joseph Camilleri. Huma kellhom zewg ulied.

- Joseph Camilleri miet fis-7 ta′ Gunju 2011.

- Huwa rregola l-wirt u s-successjoni tieghu permezz tat-testment tal-20 ta′ April 2011 in atti Nutar Dottor Maria Vella Magro.

- Permezz ta′ dan it-testment it-testatur fit-tieni artikolu halla b′titolu ta′ legat fi pjena u assoluta proprjeta′ lil martu Cettina Camilleri (i) nofs indiviz tal-flus kollha kontanti, cedoli, kotba tal-bank u oggetti ohra rapprezentanti flus eskluzi poloz ta′ assikurazzjoni; (ii) is-sehem kollu spettanti lit-testatur mill-ghamara u l-mobbli kollha li hemm fil-fond tar-residenza tat-testatur salv ghal dak provdut mod iehor u r-rigali li huma proprjeta′ tat-tfal; u (iii) l-karozzi u/jew vejikoli ohra li jkun jipposjedi fil-gurnata tal-mewt tieghu.

- Fit-tielet artikolu ta′ dan it-testment, it-testatur halla b′titolu ta′ legat lil martu l-uzu u l-uzufrutt tal-fond residenza tieghu ghall-hajja naturali ta′ martu, b′dan li l-istess legat imholli jintemm fl-eventwalita′ li martu terga′ tizzewweg jew tkun tikkoabita ma′ terzi li mhumiex dixxendenti tieghu.

- Fir-raba′ u hames artikoli tat-testment halla prelegati a favur ta′ l-ulied minuri tal-partijiet.

- Fis-seba′ artikolu t-testatur innomina u stitwixxa bhala eredi universali tieghu liz-zewg uliedu f′ishma ndaqs bejniethom u bis-sostituzzjoni vulgari tar-rispettivi uliedhom u bid-dritt ta′ l-akkrexximent bejniethom fin-nuqqas.

- Fid-disa' u ghaxar artikoli ddispona testwalment u rispettivament is-segwenti:

  *"Salv ghal dak imsemmi fl-artikoli sussegwenti t-testatur irid u jordna illi f'kaz li huwa jmut qabel uliedu jkunu ghalqu l-eta' maggorenni skont il-ligi ta' Malta, it-tutela, il-kura u kustodja ta' uliedu ghandha tghaddi kongiuntivament f'idejn il-mara tat-testatur Cettina u oht it-testatur Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huh Christian f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar minn uliedu jkunu ghalqu l-eta' maggorenni skond il-ligi f'Malta, u jakkordalhom il-poteri koncessi mil-ligi lill-kuraturi".*

  *"It-testatur irid u jordna illi f'kaz li huwa jmut qabel uliedu jkunu ghalqu l-eta' maggorenni skond il-ligi f'Malta, l-amministrazzjoni tal-beni ta' uliedu u tal-beni kollha li t-testatur qed ihalli lill-uliedu ghandha tghaddi f'idejn oht it-testatur Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huh Christian f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar minn uliedu jkunu ghalqu l-eta' maggorenni skond il-ligi f'Malta, u jakkordalhom il-poteri kollha koncessi mil-ligi lill-amministraturi.*

- Huwa aktar minn evidenti li bejn il-konjugi Camilleri kien hemm il-problemi. Anki bejn l-attrici u l-konvenuti (hut zewgha) m'hemmx relazzjoni tajba u ghalhekk qeghdin jinqalghu d-dizgwidi fejn jidhlu t-tfal.

Illi kif din il-qorti diga' ddecidiet permezz tat-tieni sentenza preliminari li l-kura, kustodja u tutela tal-minuri huma fil-fatt attributi tas-setgha ta' genitur.

L-attrici tibbaza l-kawza taghha fuq l-artikolu 146 tal-Kodici Civili. Qabel xejn l-artikolu 131(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li *"L-iben huwa suggett ghas-setgha tal-genituri tieghu ghall-effetti kollha kif stabbiliti bil-ligi".* Fis-subartikolu (2) hemm provdut *"Hlief f'dawk il-kazijiet stabbilitu bil-ligi,*

*din is-setgha tkun ezercitata bi ftehim bejn z-zewg genituri. Wara l-mewt ta' wiehed mill-genituri, din tkun ezercitata mill-genitur li jibqa' haj".*

L-artikolu 146(1) tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

*"Jekk wiehed mill-genituri jmut, is-setgha tal-genituri tghaddi biss ghand il-genitur li jibqa' haj dwar it-tfal tieghu u l-beni taghhom, maghduda beni li jghaddu ghand it-tfal mill-beni tal-genitur mejjet u minn kull kawza ohra wara li jkun miet l-ewwel genitur."*

Permezz ta' din il-kawza mhux qed jigi attakkat it-testment izda zewg artikoli minnu biss.

Illi l-ligi fl-artikolu 146 jiddisponi b'mod car li jekk wiehed mill-genituri jmut is-setgha tal-genitur tghaddi ghand il-genitur li jibqa' haj. Hekk ukoll tghaddi f'idejn il-genitur li jibqa' haj l-amministrazzjoni tal-beni li jkunu ta' l-ulied u li jkunu wirtu. Fil-fehma tal-qorti tali disposizzjoni tal-ligi hija ta' ordni pubbliku u m'hemmx wisq x'jinghad aktar. Li kieku kellu jigi accettat dak li ddispona Joseph Camilleri fit-testment tieghu jkun ifisser li fejn ikun hem cirkustanzi familjari problematici missier jew omm b'daqqa ta' pinna f'testment jiddeciedi jew tiddeciedi biex forsi jpattiha jew tpattiha lil martu jew zewgha li s-setgha tal-genitur ma tibqax biss f'idejn is-sopravissut jew sopravissuta. Dan mhux necessarjament ikun ta' gid ghat-tfal partikolarment jekk mal-familjari jew mal-persuna msemmija dak il-genitur ma jkunx jaqbel bhal ma gara f'dan il-kaz.  Hemm toroq ohra provduti mil-ligi u mill-awtoritajiet biex minuri jigu salvagwardjati meta jinholoq il-bzonn. Tant huwa hekk per ezempju li l-ligi nnifisha fl-artikolu 154 jistipula meta tista' tintilef is-setgha ta' genitur u dan billi titnehha mill-qorti.  Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*"**154.** (1) Bla hsara ta' kull piena ohra li ghaliha jista' jkun suggett skont il-ligi, il-genitur jista' jigi mnehhi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgha tal-genituri, jew minn bicca minnhom, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*(a) jekk il-genitur, billi jaghti kastig barra mill-qies, jahqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tieghu;*

*(b) jekk l-imgieba tal-genitur tista' taghmel hsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(c) jekk il-genitur huwa nterdett, jew inabilitat li jaghmel xi atti, kif jinghad fl-artikoli 520 sal-527 inkluzivament tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-genitur jamministra hazin hwejjeg it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wiehed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

*(2) Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-kazijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terga' tqieghed lill-genitur fl-ezercizzju tal-jeddijiet li tkun telfitu, jekk ma tibqax ir-raguni li ghaliha tkun telfitu dawk il-jeddijiet."*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

1. Tiddikjara illi l-artikolu disgha (9) tat-testment ta' Joseph Camilleri tal-20 ta' April 2011 ippubblikat minn Nutar Dottor Maria Vella Magro, ma huwiex konformi ma' dak li jiddisponi l-artikolu mija u sitta u erbghin (146) tal-Kodici Civili u ghaldaqstant l-istess artikolu in kwantu t-tutela u l-kura u l-kustodja ta' wlied id-*decuius* gew imhollija konguntivament f'idejn l-attrici u l-konvenuta Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' Christian Camilleri f'kaz li ohtu tmut qabel l-ahhar minn uliedu jaghlaq l-eta' maggorenni skont il-ligi hawn Malta huwa validu biss in kwantu l-kura u l-kustodja tal-ulied giet fdata f'idejn l-attrici u nulla u bla effett in kwantu giet nominata Nadine Delicata, bis-sostituzzjoni ta' huwha Christian Camilleri;

2. Konsegwentement tiddikjara wkoll ghar-ragunijiet hawn fuq premessi li l-artikolu ghaxra (10) tal-istess testament li jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-beni tad-*decuius* lil Nadine Delicata bis-sostituzzjoni ta' huwha Christian Camilleri hija wkoll nulla u bla effett;

3. Tikkonferma li l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri ghandha tkun esklussivament f'idejn Cettina Camilleri, kif l-istess kura u kustodja hija munita bl-ipoteka legali specjali;

4. Tafda l-amministrazzjoni tal-beni tal-istess uliedha u tal-beni kollha ta' Joseph Camilleri f'idejn is-superstititi martu u taghti lilha s-soliti poteri skond il-ligi sabiex twettaq tali amministrazzjoni.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------